

Brussell, 28 ta' Mejju 2020
(OR. en)

8386/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0006(COD)

FSTR 72
REGIO 104
FC 42
CADREFIN 100
SOC 342
ENER 158
ENV 286
CLIMA 103
CODEC 424

PROPOSTA

minn: Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 28 ta' Mejju 2020

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-
Unjoni Ewropea

Nru dok. Cion: COM(2020) 460 final

Suġġett: Proposta emendata għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW
U TAL-KUNSILL li jstabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 460 final.

Mehmuż: COM(2020) 460 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
COM(2020) 460 final

2020/0006 (COD)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-14 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-proposta legiżlattiva¹ tagħha li tistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, flimkien ma' proposta² li temenda l-proposta leġiżlattiva dwar ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.

B'konformità mal-objettiv li l-UE tikseb in-newtralità klimatika b'manjiera effettiva u ġusta sal-2050, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għandu l-għan li jtaffi l-kost ekonomiku, ambjentali u soċjali tat-tranżizzjoni lejn l-ilħuq tan-newtralità klimatika, għall-benefiċċju tat-territorji li l-aktar qed jintlaqtu ħażin mit-tranżizzjoni. L-appoġġ tal-Fond huwa ffukat fuq miżuri ta' rikonverżjoni ekonomika, taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema milquta u assistenza biex jinstab impjieg.

It-tifqigħa tal-marda tal-Coronavirus ("COVID-19") ġiegħlet lil ħafna gvernijiet jintroduċu miżuri bla preċedent biex irażżnu l-pandemija. Dan wassal għal tnaqqis qawwi fil-livell tal-output ta' bosta ekonomiji, li wassal għal konsegwenzi soċjali serji. Dan se johlq sfidi sinifikanti għall-finanzi pubbliċi u għall-immaniġġar tad-dejn fis-snin li ġejjin, li sussegwentement jistgħu jżommu lura l-investiment pubbliku meħtieġ għall-irkupru ekonomiku.

Barra minn hekk, il-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali biex jiġu indirizzati l-effetti jvarjaw bejn Stat Membru u reġjun għal ieħor minħabba l-istrutturi ekonomiċi u l-pożizzjonijiet fiskali differenti. Jekk ma jiġux indirizzati, dawn id-differenzi jistgħu jirriżultaw f'irkupru asimetriku u jwasslu għal żieda fid-diskrepanzi reġjonali, li jista' jipperikola s-Suq Intern, l-istabbiltà finanzjarja taż-Żona tal-Euro u l-Unjoni kollha kemm hi.

Għaldaqstant, sabiex id-diskrepanzi ma jitħallewx jitwessgħu kif ukoll biex jiġi evitat proċess ta' rkupru mingħajr uniformità, jenħtieġ li jingħata appoġġ addizzjonali fi żmien qasir u medju lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom jiġu meġhjana jegħlbu s-sitwazzjoni u biex jiġi żgurat l-irkupru rapidu u sostenibbli tal-ekonomiji tagħhom.

F'dan l-isfond, l-investimenti fit-tranżizzjoni ekoloġika jridu jiġu aċċellerati biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għat-ktabbir fit-tul tal-Ewropa u r-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea għal xokkijiet fil-futur. Dan jenħtieġ li jiġi rifless bis-sħiħ fil-programm u fil-prijoritajiet ta' investiment tal-futur. L-aċċellerazzjoni tal-waqfien tal-estrazzjoni ta' fjuwils fossili u tal-attivitajiet b'intensità qawwija ta' karbonju permezz ta' appoġġ immirat għad-diversifikazzjoni ekonomika u għall-ħolqien ta' opportunitajiet ekonomiċi ġodda u impjegi għandha potenzjal enormi biex l-ekonomija tal-Ewropa tibda tikber. Fuq quddiem nett tal-isforzi tagħna rridu npoġġu l-possibbiltà li r-reġjuni u ċ-ċittadini tagħna jindirizzaw it-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali għall-klima.

Għaldaqstant qiegħed jiġi propost li ammont ta' EUR 35 613 048 000 isir disponibbli f'riżorsi addizzjonali għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Minn dawn ir-riżorsi addizzjonali, ammont ta' EUR 2 810 048 000 jenħtieġ li jiġi minn approprjazzjonijiet tal-baġit, u b'hekk il-livell tal-programm fil-QFP li jmiss se jilħaq il-EUR 11 270 459 000; dawn jenħtieġ li jiġu allokatati matul in-negożjati li jinsabu għaddejnin fil-livell tal-Kunsill Ewropew. Ir-riżorsi addizzjonali

¹ COM (2020) 22 final.

² COM (2020) 23 final.

li għad fadal u li jammontaw għal EUR 32 803 000 000se jkopru l-perjodu mill-2021 sal-2024 u se jikkostitwixxu dħul assenjat estern li joriġinaw mill-Istrument għall-Irkupru Ewropew.

Dawn l-ammonti se jitqassmu bejn l-Istati Membri b'mod li jirrifletti l-kapaċità tagħhom li jiffinanzjaw l-investimenti meħtieġa biex ilaħħqu mat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika b'konformità mal-metodoloġija stipulata fl-Anness I tar-Regolament dwar Fond għal Tranżizzjoni Ġusta li qiegħed jiġi propost.

Permezz ta' deroga mir-regoli applikabbli għad-dħul assenjat estern li huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju, ladarba jiġu assenjati lill-programmi, dawn ir-riżorsi addizzjonali għandhom isegwu r-regoli applikabbli stipulati fir-RDK, fosthom ir-regoli tar-RDK dwar l-impenji u d-diżimpenji.

Sabiex titħares il-kapaċità tal-Istati Membri u tar-reġjuni li jużaw ir-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni tagħhom bħala appoġġ għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ir-riżorsi addizzjonali mill-Istrument għall-Irkupru Ewropew mhumiex se jirrikjedu trasferimenti mill-allokkazzjonijiet nazzjonali skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew plus.

- **Konsistenza ma' strumenti oħra tal-Unjoni**

L-appoġġ ipprovdut permezz tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta huwa kkumplimentat minn skema għal tranżizzjoni ġusta apposta fil-kuntest ta' InvestEU. Din se tappoġġa ambitu usa' ta' investimenti, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni permezz ta' appoġġ għal attivitajiet b'livell baxx ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, bħal investimenti rinnovabbli u skemi ta' effiċjenza enerġetika. Din l-iskema se tkun tista' wkoll tuża finanzjament għall-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport, inklużi l-infrastruttura tal-gass u t-tisħin distrettwali, iżda wkoll il-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni, id-diversifikazzjoni ekonomika tar-reġjuni u tal-infrastruttura soċjali.

Barra minn hekk, il-faċilità ġdida ta' self lis-settur pubbliku li se tiġi implimentata mal-BEI se tipprovidi appoġġ biex l-għotjiet mir-riżorsi tal-UE jitlaqqgħu mas-self tal-BEI lil entitajiet pubbliċi għall-benefiċċju tal-aktar territorji li qed jintlaqtu b'mod negattiv u li ġew identifikati fil-pjanijiet għal tranżizzjoni ġusta.

Is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn it-tliet pilastri se jiġu żgurati permezz tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, li se jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-iżvilupp li joriġinaw mit-tranżizzjoni klimatika tat-territorji bl-akbar impatt.

2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata mill-paragrafu 1 tal-Artikolu 174 TFUE: “L-Unjoni għandha tiżviluppa u tfittex li twettaq l-azzjonijiet tagħha li jwasslu sabiex tissaħħaħ il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali fi ħdanha. B'mod partikolari, l-Unjoni għandu jkollha l-għan li tnaqqas id-diverġenzi bejn il-livelli ta' żvilupp tar-reġjuni varji u r-ritard ta' dawk ir-reġjuni li huma anqas favoriti.”

Sabiex ikun previst it-twaqqif tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, jeħtieġ li l-proposta tiġi bbażata fuq l-Artikolu 175 TFUE, li jistieden espliċitament lill-Unjoni biex tappoġġa l-ksib tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 174 bl-azzjoni li tiegħu permezz tal-Fondi Strutturali, il-BEI u l-Istrumenti Finanzjarji eżistenti l-oħra.

Il-paragrafu 3 tal-Artikolu 175 TFUE jipprovidi wkoll li “jekk jinħass il-bżonn li jkun hemm azzjonijiet speċifiċi barra l-Fondi u bla preġudizzju għall-miżuri deċiżi fil-qafas tal-politika l-

oħra tal-Unjoni, dawk l-azzjonijiet jistgħu jiġu adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Regġuni”.

Jeħtieġ ukoll li din il-proposta tiġi bbażata fuq l-Artikolu 322(1)(a) TFUE bil-ħsieb li jkunu jistgħu jingħataw derogi mir-Regolament Finanzjarju.

- **Sussidjarjetà u proporzjonalità**

B'konformità mal-Artikolu 4(2) TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza kondiviża mal-Istati Membri fil-qasam tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll f'ċerti aspetti tal-politika soċjali. Hija għandha wkoll il-kompetenza li twestaq azzjonijiet biex tappoġġa, tikkordina jew tissupplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll tal-industrija (l-Artikolu 6 TFUE).

L-implimentazzjoni tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta b'ġestjoni kondiviża hija bbażata fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà. Skont il-ġestjoni kondiviża, il-Kummissjoni tiddelega l-programmazzjoni strateġika u l-kompiti ta' implimentazzjoni lill-Istati Membri u lir-regġuni tal-UE. Għaldaqstant, l-azzjoni tal-Unjoni hija llimitata għal dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni kif stabbiliti fit-Trattati.

Il-ġestjoni kondiviża għandha l-għan li tiżgura li d-deċiżjonijiet jittieħdu kemm jista' jkun viċin iċ-ċittadini u li l-azzjoni fil-livell tal-UE tkun ġustifikata fid-dawl tal-possibilitajiet u l-ispeċifitajiet fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali. Il-ġestjoni kondiviża tressaq lill-Ewropa aktar viċin iċ-ċittadini tagħha u tgħaqqad il-ħtiġijiet lokali mal-oġettivi Ewropej. Barra minn hekk, dan ikabbar l-involviment fl-oġettivi tal-UE, peress li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jikkondividu s-setgħa u r-responsabbiltà tat-teħid tad-deċiżjonijiet u jikkofinanzjaw il-programmi b'mod konġunt.

- **Għażla tal-istrument**

Il-politika ta' koeżjoni hija l-qafas xieraq għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, peress li hija l-politika ewlenija tal-UE li tindirizza l-bidliet strutturali fir-regġuni tal-Ewropa. Hija tipprovdi appoġġ finanzjarju għal investimenti f'firxa wiesgħa ta' oqsma li jikkontribwixxu għall-impjiegi u t-ktabbir, bi sħubija mal-atturi fil-post.

Tipprevedi wkoll approċċ integrat ibbażat fil-post li jiżgura sinerġiji u koerenza bejn l-investimenti appoġġati mill-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u dawk appoġġati mill-programmi ta' politika ta' koeżjoni ġenerali. Dan se jaċċellera l-iżvilupp ekonomiku u r-rikonverżjoni tar-regġuni kkonċernati.

Barra minn hekk, jiżgura l-involviment tal-Istati Membri u tar-regġuni. Dan huwa kritiku fil-kuntest tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, li jeħtieġ li jkun ankrat fi strateġiji ta' tranżizzjoni territorjali mfassla apposta, li jinkludu b'mod komprensiv l-għadd kbir ta' sfidi soċjali, ambjentali u ekonomiċi li tiġġenera t-tranżizzjoni.

Permezz tal-politika ta' koeżjoni, l-aħjar strument huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'konformità mal-proċedura leġislattiva ordinarja kif stipulat fl-Artikolu 175, il-paragrafu 3, tat-Trattat.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post* / kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

mhux applikabbli

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Ma sarux konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati esterni. Madankollu, din il-proposta tirrifletti d-diskussjonijiet li saru mal-Istati Membri u mal-Parlament Ewropew fuq dawn l-aħħar ġimgħat, fil-kuntest tan-negozjati dwar il-proposta li tistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (FTĠ).

Kemm l-abbozz tal-baġit tar-relatur tal-kumitat REGI kif ukoll l-opinjoni tal-kumitat BUDG kienu ssuġġerew b'mod partikolari li ssir żieda sostanzjali fil-baġit tal-FTĠ.

- **Ġbir u użu ta' għarfien espert**

mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-valutazzjoni tal-impatt³ li saret fit-tħejjija tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni⁴ kienet appoġġat l-oġġettivi u l-karatteristiċi ewlenin tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta.

Il-modifiki proposti fuq il-proposta tal-FTĠ iqisu l-isfidi akbar li t-territorji qed iħabbtu wiċċhom magħhom fid-dawl tal-pandemija riċenti tal-COVID-19. Minbarra ż-żieda tar-riżorsi, it-tibdil huwa limitat u ma jimmodifikax l-arkitettura u s-sisien tal-proposta inizjali. Għaldaqstant ma saritx valutazzjoni tal-impatt awtonoma.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

mhux applikabbli

- **Drittijiet fundamentali**

mhux applikabbli

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-riżorsi addizzjonali mill-appropriazzjonijiet tal-baġit fil-kuntest tal-QFP għall-perjodu mill-2021 sal-2027 se jwasslu għal impenji addizzjonali fis-snin mill-2021 sal-2027 u għal pagamenti fis-snin mill-2022 sal-2027 u wara l-2027.

Ir-riżorsi addizzjonali ffinanzjati fil-kuntest tal-proposta tal-Istrument għall-Irkupru Ewropew se jwasslu għal impenji addizzjonali fis-snin 2021, 2022 u 2023 u 2024 kif ukoll pagamenti fis-snin mill-2021 sal-2027, fuq il-bażi ta' dħul assenjat estern.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi proposti fuq il-proposta tal-FTĠ tiffoka fuq l-elementi li ġejjin:

- Żieda fir-riżorsi permezz tal-appropriazzjonijiet baġitarji addizzjonali u dħul assenjat estern
- Ebda obbligu li dawn ir-riżorsi addizzjonali ffinanzjati fil-kuntest tal-Istrument għall-Irkupru Ewropew jiġu kkomplementati bi trasferimenti mill-FEŻR u l-FSE+

³ SWD(2018) 282 final.

⁴ COM (2018) 372 final.

- Emenda tal-Anness I biex tiġi adattata għal-livell ogħla ta' riżorsi li qiegħed jiġi propost

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2020) 22 hija emendata kif ġej:

1. Il-preambolu huwa emendat kif ġej:
 - (a) L-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari t-tielet paragrafu tal-Artikolu 175 u l-Artikolu 322(1)(a) tiegħu,”
 - (b) Jiddaħħal sitt paragrafu ġdid:

“Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri⁵,”
2. tiddaħħal il-premessa (8a) li ġejja:

“(8a) Ir-regoli finanzjarji orizzontali li ġew adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fuq il-bażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea japplikaw għal dan ir-Regolament. Dawn ir-regoli huma stipulati fir-Regolament Finanzjarju u b'mod partikolari jiddeterminaw il-proċedura li tistabbilixxi u timplimenta l-baġit permezz ta' għotjiet, akkwisti, premji, implimentazzjoni indiretta, u jipprevedu kontrolli fuq ir-responsabbiltà tal-atturi finanzjarji. Ir-regoli li jiġu adottati fuq il-bażi tal-Artikolu 322 TFUE jikkonċernaw ukoll il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni fil-każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri, għaliex ir-rispett tal-istat tad-dritt huwa prekundizzjoni essenzjali għall-ġestjoni finanzjarja tajba u l-finanzjament effettiv mill-UE.”;
3. tiddaħħal il-premessa (9a) li ġejja:

“(9A) B'konformità mar-Regolament [l-Istrument għall-Irkupru Ewropew] u fil-limiti tar-riżorsi allokatu fih, il-miżuri ta' rkupru u reżiljenza fil-kuntest tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta jenħtieġ li jitwettqu biex jiġi indirizzat l-impatt tal-kriżi tal-COVID-19. Dawn ir-riżorsi addizzjonali jenħtieġ li jintużaw b'manjiera li tiżgura l-konformità mal-iskadenzi previsti fir-Regolament [ERI].”;
4. L-Artikolu 3, paragrafu 2, huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“2. Ir-riżorsi għall-FTĠ fil-kuntest tal-Investment għall-mira tat-tkabbir u l-impjiegi li huma disponibbli bħala impenn baġitarju għall-perjodu mill-2021 sal-2027 għandhom ilaħħqu l-EUR 11 270 459 000 fi prezzijiet attwali, ammont li jista' jizjed, skont il-każ, b'riżorsi addizzjonali allokatu fil-baġit tal-Unjoni, u b'riżorsi oħra skont l-att bażiku applikabbli.

⁵ ĠU C , , p.

Sehem ta' 0,35 % tal-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiġi allokat għall-assistenza teknika bl-inizjattiva tal-Kummissjoni.”

5. għandu jiddaħħal l-Artikolu 3a li ġej:

“Artikolu 3a

Riżorsi mill-Istrument għall-Irkupru tal-Unjoni Ewropea

1. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 2 tar-Regolament [ERI] għandhom jiġu implimentati fil-kuntest tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta b'ammont ta' EUR 32 803 000 000 fi prezzijiet kurrenti tal-ammont imsemmi fil-punt (vi) tal-Artikolu 3(2)(a) ta' dak ir-Regolament, soġġett għall-Artikolu 4(3), (4) u (8) tiegħu.

Dan l-ammont għandu jitqies bħala riżorsi oħra kif imsemmi fl-Artikolu 3(2) u għandu jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont l-Artikolu 21(5) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046.

Dawn għandhom ikunu disponibbli għall impenn baġitarju taħt il-mira Investiment għat-tkabbir u l-impjegi għas-snin mill-2021 sal-2024 minbarra r-riżorsi globali stabbiliti fl-Artikolu 3 kif ġej:

- 2021: EUR 7 954 600 000;
- 2022: EUR 8 114 600 000;
- 2023: EUR 8 276 600 000;
- 2024: EUR 8 441 600 000.

Barra minn hekk, ammont ta' EUR 15 600 000 fi prezzijiet attwali għandu jkun disponibbli għal nefqa amministrattiva mir-riżorsi msemmija fl-ewwel subparagrafu.

2. Mill-ammont imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, 0,35 % għandhom jiġu allokati għall-assistenza teknika bl-inizjattiva tal-Kummissjoni.
3. It-tqassim annwali tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 mill-Istati Membri għandu jiġi inkluż fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 3(3) skont il-metodoloġija stipulata fl-Anness I.
4. Permezz ta' deroga mill-Artikolu [21a] tar-Regolament (UE) [ir-RDK il-ġdid] l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 ma għandux jirrekjedi appoġġ kumplimentari mill-FEŻR u l-FSE+.
5. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 14(3) tar-Regolament Finanzjarju, ir-regoli tad-diżimpenn stipulati fil-Kapitolu IV tat-Titolu VII tar-Regolament (UE) [ir-RDK il-ġdid] għandhom japplikaw għall-impenji baġitarji li huma bbażati fuq ir-riżorsi msemmija fil-paragrafu 1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 12(4)(c) tar-Regolament Finanzjarju dawn ir-riżorsi ma għandhomx jintużaw għal programm jew azzjoni suċċessiva.”;

6. L-Artikolu 6(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-prijorità jew prijoritajiet tal-FTĠ għandhom jinkludu r-riżorsi tal-FTĠ li jikkonsistu mill-allokkazzjoni sħiħa jew parzjali tal-FTĠ għall-Istati Membri u r-riżorsi trasferiti skont l-Artikolu [21a] tar-Regolament (UE) [ir-RDK il-ġdid]. It-total tar-riżorsi tal-FEŻR u l-FSE+ ittrasferit lejn l-FTĠ għandu jkun mill-inqas ugwali għal darba u nofs l-ammont ta' sostenn mill-FTĠ għal dik il-prijorità bl-esklużjoni

tar-riżorsi msemija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 3a iżda ma għandux jaqbeż tliet darbiet dan l-ammont.”;

7. L-Anness I huwa emendat skont l-Anness ta' din il-proposta.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta / tal-inizjattiva

Proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropea u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (*Raggruppament ta' programmi*)

9 Ambjent u azzjoni klimatika (2021-2027)

1.3. Il-proposta / l-inizjattiva tirrigwarda:

azzjoni ġdida

azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota / azzjoni preparatorja⁶

X l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

fużjoni jew direzzjoni mill-ġdid ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra / ġdida

1.4. Raġunijiet għall-proposta / għall-inizjattiva

1.4.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġu ssodisfati fi żmien qasir jew fit-tul, inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Qiegħda ssir il-proposta li l-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta tiġi emendata biex tiżgura li l-investimenti meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika jiġu aċċellerati biex jinħolqu l-kundizzjonijiet għat-*tkabbir* fit-tul u r-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea għal xokkijiet futuri. Għaldaqstant qiegħed jiġi propost li ammont ta' EUR 35 613 048 000 fi prezzijiet attwali jsir disponibbli f'riżorsi addizzjonali għall-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta. Minn dawn ir-riżorsi addizzjonali, ammont ta' EUR 2 810 048 000 fi prezzijiet attwali jenħteġ li jiġu minn approprazzjonijiet tal-baġit, biex il-livell tal-programm fil-QFP li jmiss jilħaq il-EUR 11 270 459 000; dawn jenħteġ li jiġu allokatu matul in-negozjati li jinsabu għaddejjin fil-livell tal-Kunsill Ewropew. Ir-riżorsi addizzjonali li għad fadal u li jammontaw għal EUR 32 803 000 000se jkopru l-perjodu mill-2021 sal-2024 u se jikkostitwixxu dħul assenjat estern li joriġinaw mill-Istrument għall-Irkupru Ewropew.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinholq mill-Istati Membri individwalment.*

B'konformità mal-oġettiv li l-UE tikseb in-newtralità klimatika b'manjera effettiva u ġusta sal-2050, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta għandu l-għan li jtaffi l-kost ekonomiku, ambjentali u soċjali tat-tranżizzjoni lejn l-ilħuq tan-newtralità klimatika, għall-benefiċċju tat-territorji li l-aktar qed jintlaqtu ħażin mit-tranżizzjoni. L-appoġġ

⁶ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

tal-Fond huwa ffukat fuq miżuri ta' rikonverżjoni ekonomika, taħriġ mill-ġdid tal-ħaddiema milquta u assistenza biex jinstab impjeg.

It-tifqigħa tal-marda tal-Coronavirus ("COVID-19") ġiegħlet lil ħafna gvernijiet jintroduċu miżuri bla preċedent biex irażżnu l-pandemija. Dan wassal għal tnaqqis qawwi fil-livell tal-output ta' bosta ekonomiji, li wassal għal konsegwenzi soċjali serji. Dan se johlq sfidi sinifikanti għall-finanzi pubbliċi u għall-immaniġġar tad-dejn fis-snin li ġejjin, li sussegwentement jistgħu jżommu lura l-investment pubbliku meħtieġ għall-irkupru ekonomiku.

Barra minn hekk, il-kapaċitajiet nazzjonali u reġjonali biex jiġu indirizzati l-effetti jvarjaw bejn Stat Membru u reġjun għal ieħor minħabba l-istrutturi ekonomiċi u l-pożizzjonijiet fiskali differenti. Jekk ma jiġux indirizzati, dawn id-differenzi jistgħu jirriżultaw f'irkupru asimetriku u jwasslu għal żieda fid-diskrepanzi reġjonali, li jista' jipperikola s-Suq Intern, l-istabbiltà finanzjarja taż-Żona tal-Euro u l-Unjoni kollha kemm hi.

Għaldaqstant, sabiex id-diskrepanzi ma jitħallewx jitwessgħu kif ukoll biex jiġi evitat proċess ta' rkupru mingħajr uniformità, jenħtieġ li jingħata appoġġ addizzjonali fi żmien qasir u medju lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex l-ekonomiji u s-soċjetajiet tagħhom jiġu meġhuna jegħlbu s-sitwazzjoni u biex jiġi żgurat l-irkupru rapidu u sostenibbli tal-ekonomiji tagħhom.

1.4.3. *Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fl-imġhoddi*

1.4.4. *Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-appoġġ ipprovdut permezz tal-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta huwa kkumplementat minn skema għal tranżizzjoni ġusta apposta taħt InvestEU. Din se tappoġġa ambitu usa' ta' investimenti, b'mod partikolari billi tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni permezz ta' appoġġ għal attivitajiet b'livell baxx ta' karbonju u reżiljenti għat-tibdil fil-klima, bħal investimenti rinnovabbli u skemi ta' effiċjenza enerġetika. Din l-iskema se tkun tista' wkoll tuża finanzjament għall-infrastruttura tal-enerġija u tat-trasport, inklużi l-infrastruttura tal-gass u t-tisħin distrettwali, iżda wkoll il-proġetti ta' dekarbonizzazzjoni, id-diversifikazzjoni ekonomika tar-reġjuni u tal-infrastruttura soċjali.

Barra minn hekk, il-faċilità ġdida ta' self lis-settur pubbliku li se tiġi implimentata mal-BEI se tipprovidi appoġġ biex l-għotjiet mir-riżorsi tal-UE jitlaqqgħu mas-self tal-BEI lil entitajiet pubbliċi għall-benefiċċju tal-aktar territorji li qed jintlaqtu b'mod negattiv u li ġew identifikati fil-pjanijiet għal tranżizzjoni ġusta.

Is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn it-tliet pilastri se jiġu żgurati permezz tal-pjanijiet territorjali għal tranżizzjoni ġusta, li se jidentifikaw il-ħtiġijiet tal-iżvilupp li joriġinaw mit-tranżizzjoni klimatika tat-territorji bl-akbar impatt.

Din il-proposta hija limitata għal emendi mmirati meħtieġa biex jiġu stabbiliti regoli li jwasslu għad-disponibbiltà ta' riżorsi addizzjonali u li jirregolaw l-implimentazzjoni. Din il-proposta hija konsistenti mar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni. Il-miżuri kuma konsistenti mal-proposta tal-Kummissjoni għal Fond ta' Rkupru.

L-ammonti se jitqassmu bejn l-Istati Membri b'mod li jirrifletti l-kapaċità tagħhom li jiffinanzjaw l-investimenti meħtieġa biex ilaħħqu mat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika b'konformità mal-metodoloġija stipulata fl-Anness I tar-Regolament dwar Fond għal Tranżizzjoni Ġusta li qiegħed jiġi propost. Sabiex titħares il-kapaċità tal-

Istati Membri u tar-reġjuni li jużaw ir-riżorsi tal-politika ta' koeżjoni tagħhom bħala appoġġ għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, ir-riżorsi addizzjonali mill-Istrument għall-Irkupru Ewropew mhumiex se jirrikjedu trasferimenti mill-allokazzjonijiet nazzjonali skont il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew +.

1.5. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju

X it-tul ta' żmien limitat

fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

X L-impatt finanzjarju bejn l-2021 u l-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2021 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

it-tul ta' żmien mhux limitat

Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2021 'il quddiem,

segwit minn tħaddim fuq skala sħiħa.

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁷

X **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni (għal 0,35 % tal-allokkazzjoni relatata ma' assistenza teknika)

X mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

mill-aġenziji eżekuttivi

X **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

lil pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

lil korpi tal-liġi pubblika;

lil korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

lil korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

lil persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it- Titolu V TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

⁷ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fis-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Din il-proposta hija limitata u mmirata li tistabbilixxi r-regoli meħtieġa li jridu jiġu segwiti għad-disponibbiltà ta' riżorsi addizzjonali. Dawn ir-regoli jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex ikun hemm id-disponibbiltà ta' riżorsi addizzjonali u jistabbilixxu r-regoli applikabbli għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-riżorsi.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

Din il-proposta hija limitata u mmirata li tistabbilixxi r-regoli meħtieġa li jridu jiġu segwiti għad-disponibbiltà ta' riżorsi addizzjonali. Dawn ir-regoli jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex ikun hemm id-disponibbiltà ta' riżorsi addizzjonali u jistabbilixxu r-regoli applikabbli għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-riżorsi.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, pereż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Din il-proposta hija limitata u mmirata li tistabbilixxi r-regoli meħtieġa li jridu jiġu segwiti għad-disponibbiltà ta' riżorsi addizzjonali. Dawn ir-regoli jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex ikun hemm id-disponibbiltà ta' riżorsi addizzjonali u jistabbilixxu r-regoli applikabbli għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-riżorsi.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA / TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u linja/i baġitarja/i ta' nefqa ġdid propost

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
			Diff./Mhux diff. ⁸	mill-pajjiżi tal-EFTA ⁹	mill-pajjiżi kandidati ¹⁰	minn pajjiżi terzi
3	09 01 02 Nefqa ta' appoġġ għall-“Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (FTĠ)”	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE
3	09 03 02 Fond għal Tranżizzjoni Ġusta (FTĠ) — Assistenza teknika operazzjonali	Differenz jat	LE	LE	LE	LE
3	09 03 03 – FTĠ ffinanzjat mill-ERI	Differenz jat	LE	LE	LE	LE

⁸ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux Diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

⁹ l-EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁰ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	3	
--	----------	--

Il-proposta se twassal għal impenji addizzjonali fis-snin mill-2021 sal-2027 kif ukoll pagamenti fis-snin mill-2021 sal-2027 u wara l-2027.

Minn dawn ir-riżorsi addizzjonali, ammont ta' EUR 2 810 048 000 fi prezzijiet attwali jenħtieġ li jiġu minn approprjazzjonijiet baġitarji, biex il-livell tal-programm skont il-QFP li jmiss jilħaq il-EUR 11 270 459 000 fi prezzijiet attwali. dawn jenħtieġ li jiġu allokati matul in-negożjati li jinsabu għaddejnin fil-livell tal-Kunsill Ewropew.

Ir-riżorsi addizzjonali li jifdal se jkopru l-perjodu mill-2021 sal-2024 u se jikkostitwixxu dħul assenjat estern li joriġina mill-Istrument għall-Irkupru Ewropew bbażat fuq dħul assenjat estern. L-ammonti disponibbli bħala dħul assenjat estern huma fis-sens tal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju li joriġinaw mill-operazzjonijiet ta' self tal-Unjoni kif stipulat fir-Regolament (UE) XXX/XX (ir-regolament ERI). Mid-dħul assenjat estern, ammont sa EUR 15 600 000 jista' jiġi ddedikat għal nefqa amministrattiva, fosthom il-kost tal-persunal estern.

It-tqassim indikattiv tal-appropriazzjonijiet iffinanzjati fil-kuntest tal-QFP għall-perjodu 2021-2027 huwa kif ġej:

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l-2027	TOTAL
Approprjazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(1)	416 600	413 025	408 037	402 684	396 953	390 832	381 917		2 810 048
	Pagamenti	(2)		60 055	343 229	444 024	343 665	409 011	461 055	749 008	2 810 048
TOTAL tal-appropriazzjonijiet	Impenji	=1+3	416 600	413 025	408 037	402 684	396 953	390 832	381 917		2 810 048
	Pagamenti	=2+3		60 055	343 229	444 024	343 665	409 011	461 055	749 008	2 810 048

It-tqassim indikattiv tan-nefqa mid-dħul assenjat estern huwa kif ġej:

			2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL

Nefqa operazzjonali ffinanzjata mid-dħul assenjat estern tal-ERI	Impenji	(1)	7 954 600	8 114 600	8 276 600	8 441 600				32 787 40 0
	Pagamenti	(2)	7 310 645	7 726 658	7 212 000	6 294 109	4 243 988			32 787 40 0
Nefqa għal appoġġ amministrattiv iffinanzjata mid-dħul assenjat estern tal-ERI	Impenji = Pagamenti	(3)	2 400	2 400	2 400	2 400	2 000	2 000	2 000	15 600
Nefqa totali ffinanzjata mid-dħul assenjat estern tal-ERI	Impenji	=1+3	7 957 000	8 117 000	8 279 000	8 444 000	2 000	2 000	2 000	32 803 00 0
	Pagamenti	=2+3	7 313 045	7 729 058	7 214 400	6 296 509	4 245 988	2 000	2 000	32 803 00 0

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	---	-------------------------

EUR miljuni (sa tliet pozzjonijiet deċimali)

		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Wara l- 2027	TOTAL
Riżorsi umani		1 500	1 500	1 500	1 500	1 500	1 500	1 500		10 500
Nefqa amministrattiva oħra										
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	1 500	1 500	1 500	1 500	1 500	1 500	1 500		10 500

3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

Il-proposta / l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

Il-proposta / l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Snin	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
------	------	------	------	------	------	------	------	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	1 500	1 500	1 500	1 500	1 500	1 500	1 500	10 500
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani	2 400	2 400	2 400	2 400	2 000	2 000	2 000	15 600
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	2 400	2 400	2 400	2 400	2 000	2 000	2 000	15 600

TOTAL	3 900	3 900	3 900	3 900	3 500	3 500	3 500	26 100
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	---------------

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew kienu ġew skjerati mill-ġdid fid-DĠ, flimkien, jekk ikun neċessarju, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

Il-proposta / l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.

Il-proposta / l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti ta' ingaġġ full time

Snin		2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni		10	10	10	10	10	10	10
Delegazzjonijiet								
Riċerka								
Iffinanzjat mill-INTESTATUR A 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Iffinanzjat mill-pakkett tal-programm ¹¹	- fil-Kwartieri Ġenerali							
	- fid-Delegazzjonijiet							
Riċerka								
Ieħor (dħul assenjat)		30	30	30	30	25	25	25
TOTAL		40	40	40	40	35	35	35

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u / jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kull allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji. Il-persunal addizzjonali se jkun magħmul biss minn persunal estern u se jiġi ffinanzjat biss minn dħul assenjat

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	
Persunal estern	Aġenti kuntrattwali għall-appoġġ tan-negozjati tal-programmi l-ġodda, li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni, fosthom l-awditu u l-ġestjoni finanzjarja, parteċipazzjoni fil-proċess tal-ġheluq tal-programmi

¹¹ Is-sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (il-linji "BA" preċedenti).

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

X Il-proposta / l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

Il-proposta / l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

- fuq ir-riżorsi proprji
- fuq dħul ieħor

Jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal linji tan-nefqa

EUR miljuni (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	L-impatt tal-proposta / tal-inizjattiva						
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027
Artikolu							

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Kummenti oħra (pereż. il-metodu / il-formula li ntużaw għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kull informazzjoni oħra).

[...]